



28.9.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0354/2009 imressqa minn P.K., ta' nazjonalità Griega, f'isem il-linja tat-trasport bil-baħar 'Maïstrali', dwar l-Awtorità tal-Port ta' Piraeus (OLP) u l-istejtus tagħha skont il-Liġi Griega 2688/1999**

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jindika li l-Awtorità tal-Port ta' Piraeus (OLP), li qabel kienet organizzazzjoni statali, skont il-Liġi Griega 2688/1999 nbidlet f'kumpanija b'responsabilità limitata (limited company)(OLP AE.) 'maħluq għal skopijiet ta' interess ġenerali u għas-servizz tal-interess pubbliku'. Il-petizzjonant jilmenta li din il-kumpanija b'responsabilità limitata tkompli tibbenefika mill-privileġġi li kellha meta kienet organizzazzjoni statali, inkluża l-possibilità li tirkupra d-dejn skont il-Kodiċi għall-Ġbir tad-Dħul Pubbliku (KEDE). Għaldaqstant, il-petizzjonant jirreferi għal każ legali li jikkonċerna s-sekwestru ta' dgħajsa tas-sajd li, fl-opinjoni tiegħu, juri biċ-ċar li l-kumpanija tgawdi minn pożizzjoni ta' monopolju li huwa kontra l-prinċipju tal-UE u għalhekk jitlob lill-Parlament Ewropew biex isegwi l-kwistjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-18 ta' Ġunju 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-25 ta' Settembru 2009.

L-awtorità tal-Port ta' Piraeus twaqqfet fl-1950 bħala korp pubbliku li jopera fl-interess pubbliku skont il-kondizzjonijiet tal-“Liġi ta' Emerġenza” Nru 1559/1950. Minħabba f'hekk hija kienet intitolata għall-istess privileġġi bħal organizzazzjoni tal-Istat.

Fl-1999 l-Awtorità tal-Port ta' Piraeus inbidlet għal kumpanija regolata mil-liġi kummerċjali, filwaqt li skont il-Liġi Nru 2688/1999 kienet imniżżla bħala kumpanija b'responsabilità limitata li topera għall-ġid pubbliku u fl-interess pubbliku. Fuq din il-bażi, skont dik il-liġi,

hija kienet għadha intitolata għall-benefiċċji stipulati fil-“Liġi ta' Emerġenza” tal-1950 imsemmija hawn fuq, b'tali mod li kellha tħallas biss it-taxxa tad-dħul, u kellha privileġġi oħra ta' korpi tal-Istat, inkluż trattament eċċezzjonali għal ħlas lura tad-dejn.

Il-petizzjonant iqis li dawn il-privileġġi m'għandhomx jingħataw lil entità kummerċjali, minħabba li jbiddu l-kompetizzjoni u huma ta' ħsara li daww li jħallsu t-taxxa.

Il-petizzjonant jissottometti dan il-każ lill-Parlament Ewropew u jitlob li l-kwistjoni titressaq quddiem l-istituzzjoni adatta tal-UE.

Il-Kummissjoni bdiet proċedura ta' sħarriġ formali fl-14 ta' Lulju 2009 fir-rigward ta' għajna mill-Istat għal żvilupp infrastrutturali tal-Awtorità tal-Port ta' Piraeus¹. Il-petizzjonant evidentement huwa “parti interessata” f'dan il-kuntest u bħala tali l-kummenti tiegħu sa jitqiesu.

Wara li ntqal dan, sakemm il-kwistjonijiet imqajmin mill-petizzjonant mhumiex koperti mill-proċedura tal-istħarriġ attwali, il-Kummissjoni se titlob ukoll tagħrif mill-awtoritajiet Griegi u tiddeċiedi skont it-tweġiba tagħhom. Il-Kummissjoni se tgħarraf lill-Parlament dwar id-deċiżjoni li tkun ittieħdet.

Biex l-affarijiet ikunu kompleti, għandu jkun innutat li l-għoti ta' privileġġi lil impriża partikolari ma jfissirx li jkun qed jinkiser l-Artikolu 86 tat-Trattat. Il-petizzjoni ma turix xi mgħiba li tmur kontra l-Artikolu 82 tat-Trattat, li jipprojbixxi abbużi minn pożizzjoni dominanti.

4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-10 ta' Novembru 2010.

Il-kwistjoni ġiet indirizzata fil-kuntest tal-monitoraġġ tal-għajna mill-Istat żgurat mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stiednet lill-petizzjonant jipprovdni kummenti bħala parti terza interessata fil-qafas tal-proċedura ta' sħarriġ formali li nbdiat mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2009, fir-rigward ta' għajna mill-Istat għal żvilupp infrastrutturali tal-Awtorità tal-Port ta' Piraeus². Madankollu, il-petizzjonant ma bagħatx il-kummenti tiegħu dwar dan il-każ.

Billi l-kwistjonijiet imqajma mill-petizzjonant mhumiex koperti fil-proċedura ta' sħarriġ attwali, il-Kummissjoni talbet tagħrif mill-awtoritajiet Griegi dwar il-possibilità li l-OLP tirkupra d-djun skont il-KEDE, li ġie pprovdut fl-ewwel nofs fl-2010.

¹ Ara l-istqarrija għall-istampa f'din il-websajt:
<http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/09/1132&type=HTML&aged=0&language=EN&gu iLanguage=en> – sakemm tkun ippubblikata d-deċiżjoni fil-ĠU.

² Ara l-istqarrija għall-istampa f'din il-websajt:
<http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=IP/09/1132&type=HTML&aged=0&language=EN&gu iLanguage=en> – ĠU C 245, 13.10.2009, p. 21. Il-Kummissjoni għalqet l-investigazzjoni b'mod parzjali (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C 21/2009 li ġiet adottata fit-18.12.2009 li hi disponibbli hawn:
http://ec.europa.eu/competition/state_aid/register/ii/doc/C-21-2009-WLAL-el-18.12.2009.pdf (bil-Grieg),
http://ec.europa.eu/competition/state_aid/register/ii/doc/C-21-2009-WLWL-en-18.12.2009.pdf (bl-Ingliż)).

Fuq il-bażi tat-tagħrif ipprovdut mill-awtoritajiet Griegi dwar il-possibilità li l-OLP tirkupra d-djun skont il-KEDE, il-Kummissjoni ma tistax tistabbilixxi f'dan l-istadju l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv għall-PPA ffinanzjat mir-riżorsi tal-Istat, li jgħawweġ jew jhedded li jgħawweġ il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma stabbilixxiet ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Għalhekk, hija m'għandha ebda raġuni biex temmen li l-miżuri msemmija mill-petizzjonant jipprovdu għajna tal-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Wara eżami bir-reqqa tal-petizzjoni u fuq il-bażi tat-tagħrif ipprovdut mill-awtoritajiet Griegi, il-Kummissjoni tqis li l-possibilità li OLP tirkupra d-djun skont il-KEDE ma tikkostitwixxi għajna tal-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Madankollu, il-Kummissjoni se tkompli teżamina jekk l-OLP tibbenefikax minn vantaġġi fiskali li jistgħu jikkostitwixxu għajna tal-Istat.

5. Risposta addizzjonali tal-Kummissjoni (REV. II), li waslet fit-28 ta' Settembru 2012.

Fit-tweġiba preċedenti tagħha datata 10 Novembru 2010, il-Kummissjoni kkonkludiet li hija ma kellha l-ebda raġuni biex temmen li l-miżuri msemmija mill-petizzjonant, jiġifieri l-possibilità li l-OLP tiġbor djun taħt il-kodiċi għall-ġbir tad-dħul pubbliku (KEDE) u għalhekk tapplika il-proċeduri korrispondenti koersivi ta' irkupru ta' djun - li jammontaw għal għajna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107 (1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), mogħtija lill-OLP. Speċifikament, il-Kummissjoni nnutat li fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fiż-żmien mill-awtoritajiet Griegi dwar il-possibilità li l-OLP tirkupra id-djun taħt KEDE, ma kienx possibbli li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv għall-OLP iffinanzjata b'riżorsi Statali, li ħoloq tfixkil jew heddef li jfixkel il-kompetizzjoni u affettwa l-kummerċ bejn Stati Membri. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma sabitx li t-trasferiment ta' riżorsi tal-Istat seta' jiġi stabbilit. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat ukoll li kienet se tkompli teżamina aktar jekk l-OLP ibbenefikatx minn vantaġġi fiskali li jistgħu jikkostitwixxu għajna mill-Istat.

Rigward il-miżuri msemmija mill-petizzjonant, il-Kummissjoni ssostni l-valutazzjoni ta' hawn fuq, fin-nuqqas ta' kwalunkwe elementi ġodda. ĊBarra minn hekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, m'għandha l-ebda raġuni biex temmen li l-possibilità tal-OLP li tiġbor id-djun taħt KEDE tikser xi regoli oħra tal-kompetizzjoni tal-UE.

Dwar il-kwistjoni ta' jekk l-OLP tibbenefikax minn vantaġġi fiskali li jistgħu jikkostitwixxu għajna mill-Istat, il-Kummissjoni f'dan l-istadju ma għandha l-ebda elementi konklużivi. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja kwalunkwe għajna inkompatibbli lill-OLP u se tagħmel dak kollu meħtieġ jekk jixraq f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) N° 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jstabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE¹. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li, fi kwalunkwe każ, kwalunkwe vantaġġi fiskali potenzjali għall-OLP mhumiex relatati mal-kwistjoni mqajma mill-petizzjonant.

¹ ĠU L 83 tat-27.3.1999, p. 1.

Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda informazzjoni konklużiva li vantaġġi fiskali li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat ġew mogħtija lil OLP, madankollu, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-kwistjoni u jekk meħtieġ se tieħu azzjonijiet xierqa. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li, kwalunkwe vantaġġi fiskali potenzjali għall-OLP, fi kwalunkwe każ, mhumiex relatati mal-kwistjoni mqajma mill-petizzjonant.